Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Busuttil]

vs

Dorianne Sammut

Kumpilazzjoni Numru: 611/14

Illum, 28 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Dorianne Sammut bint Francis u Rita nee' Farrugia mwielda fit-18 ta' Jannar 1976 u residenti White Farm, Imtahleb Road, Rabat, Malta. Detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 165076M:

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer waqt li kienu fi Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Bahar fis-6 ta' Frar 2014 u fil-gimghat ta' qabel, hassret, jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor u cioe' bieb tal-fire escape, kif ukoll is-sistema elettronika tal-alarm, u s-serratura tal-bieb tat-terazzin ta' l-istess penthouse u l-parti komuni taghha ghad detriment ta' Carmelo sive Charlie Sammut u/jew persuni ohra, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 izda inqas minn €1,164.69.

Aktar talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi appropjajt ruhha minn diversi affarijiet li ma kinux taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda kwazi netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Illi mix-xhieda tal-parte civile <u>Carmelo Sammut</u> hareg li hu u l-imputata kienu mizzewgin izda dak iz-zmien kienu fi proceduri ta' separazzjoni u kienu jghixu separati. Hu baqa' joqghod fl-indirizz tal-allegat reat u li huwa propjeta' tal-komunjoni u hi marret toqghod l-Imtahleb. Huwa jirrakonta li fil-bidu ta' Frar 2014 u meta hu kien imsiefer il-Kanada jircievi messagg mill-mara tieghu fejn tghidlu fost l-ohrajn illi kellu bzonn jixtri zewg xemghat ghal fuq il-*jacuzzi* tieghu ghax ma kienx ghad fadal. L-ghada u cioe' fil-hamsa (5) ta' Frar 2015 wasal id-dar u sab hafna hsarat. Dawn kienu fuq il-*fire escape* tal-blokka kollha, hsara fuq il-bieb tat-terazzin, tal-*penthouse* minn fejn gie sgassat u minn fejn dahlu. Huwa jghid ukoll illi nqalghu numru ta' *wires* tal-alarm u tat-telefon. Ix-xhud esebixxa numru ta' ritratti u lista tal-affarijiet neqsin li kienu affarijiet li kien xtara qabel iz-zwieg (Dok CS1, Dok CS2, Dok CS3, Dok. CS4, Dok. CS5, Dok. CS6.

Fuq kontroezami huwa jghid illi l-imputata kellha cavetta tal-fond izda ftit granet qabel ma siefer kienet inqasmitlu u qabad u biddel is-serratura tal-bieb tal-*penthouse* u baqa' ma tahiex cavetta qabel ma siefer.

Semghet ix-xhieda ta' **<u>Mark Anthony Agius</u>** li qal illi kien cempillu l-parte civile fi Frar sabiex imur jara *skylight* li kien imkisser. Ix-xhud jghix fl-istess blokka tal-parte civile taht l-appartament tieghu u kien ra din l-*iskylight* kienet imkissra izda ma jafx min kien jew x'kien gara ezattament. Din kienet propjeta' komuni.

Xehed ukoll **<u>Mario Bonnici</u>** li ghamel stima tal-*iskylight* inkwistjoni li kkonstataha li biex tissewwha tkun tiswa mitejn u wiehed u sebghin ewro u erbghin centezmu (€271.40). Huwa jispjega li l-hsara tikkonsisti f'xi *aluminium* li kien tghawweg izda tigi ahjar jekk din tinbidel kompletament. Fuq domanda ta' kif din setghet titghawweg huwa jirrispondi li forsi b'kawza naturali u forsi b'daqqa kbira.

Xehed ukoll residenti fil-blokk tal-appartamenti fejn sehh l-allegat reat **<u>Christopher Attard</u>** u jghid illi huwa ma kien jaf b'xejn u wisq

anqas b'xi hsara fl-*iskylight*. Li kien jaf kien li kien hemm xi hsara fit-tambogg tal-emergenza izda ma kien jaf xejn aktar u wisq anqas ma kien jaf xejn fuq l-imputata.

Xehed ukoll <u>**Anthony Galea**</u> li jirrisjedi fl-istess blokka ta' appartamenti u jghid illi huwa jghix fit-tieni sular u kien jaf b'xi hsarat mill-parte civile u li kienu dahlu ghandu u serqulu xi affarijiet u kien hemm xi hsara fit-tambogg. Hu ma jafx minn seta' kien ghamel din il-hsara.

<u>**Adrian Scicluna**</u> li kien joqghod gol-istess blokka fit-tielet sular jghid illi huwa jiftakar lill-imputata toqghod mal-parte civile fl-appartament ta' fuq nett u cioe' il-*penthouse*. Huwa kien jaf mil-hsarat mill-istess parte civile li kien infurmah b'dawk il-hsarat li semma' x-xhud ta' qablu. Jikkonferma li hu ma kellux cavetta tat-tambogg.

Xehed ukoll residenti iehor u cioe' <u>**Joseph Cassar**</u> li jghid illi huwa jghix zewg sulari 'l isfel mill-parte civile u biex kien jitla' fuq l-arja tal-*penthouse* huwa kien jitla' fuq sellum tal-hadid u kien hemm tambogg li dan ikun dejjem miftuh izda qabel ma kien jitla' kien

jiehu permess minghand Charlie Sammut. Huwa sar jaf li t-tambogg kien tkisser u dan meta Charlie kien imsiefer izda dan ma jafx minn kien ghamlu. Dan it-tambogg qieghed fil-parti in komuni tal-blokka. Dan gie mibdul u rega' qieghed miftuh bhal qabel.

Illi rat illi fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016) gew esebiti mill-avukat tal-parte civile tliet dokumenti (Dok. CS1, Dok. CS2 u Dok. CS3) li jirraprezentaw vera kopja ta' xi rcevuti tal-*iskylight*, tal-*lock* tal-bieb tal-*penthouse* u tal-*laptop*.

Xehed **Michael Cutajar** li joqghod taht il-parte civile u jikkonferma li hu kien qallu li xi hadd kien dahal mit-tambogg u kissru. Il-parte civile wrieh ukoll il-*wires* tal-*alarm* maqtughin. Huwa kkonferma li l-hsara tat-tambogg hallsu r-residenti kollha.

Deher rapprezentant tal-kumpannija Scan **Gordon Scerri** li kkonferma l-ircevuta a fol. 37 *et seq* tal-process u **Robert James Bugeja** rapprezentant tal-kumpannija Alberta li kkonferma d-dokument a fol. 42 *et seq.*

Finalment xehdet l-imputata **Dorianne Sammut** li fl-ewwel lok xehdet li l-propjeta' inkwistjoni kienet inxtrat minnha u mill-parte civile b'mod ugwali qabel iz-zwieg (Dok. DS1). Hija tghid illi wara z-zwieg u cioe' fis-sena elfejn u tlettax (2013) kellha titlaq mid-dar matrimonjali minhabba vjolenza domestika. Hija tghid li ghamlet zmien tghix gewwa xelter izda mbaghad marret tghix ma' ommha. Nel frattemp hija tghid illi l-imputat gibed ammont kbir ta' flus mill-kont komuni taghhom. Pero' hija xorta baqghet tmur fid-dar matrimonjali biex titfa' xi affarijiet izda r-ragel taghha kien biddel l-*alarm* nel frattemp. Hemm rapporti tal-pulizija li juri dan kollu (Dok. DS4).

Hija tkompli li darba f'Jannar tas-sena elfejn u erbatax xi hadd baghtilha messagg bil-*Facebook page* tal-parte civile li jghid illi kien il-Kanada u li kien qed jara xi djar hemmhekk. Hija kellha tiehu xi affarijiet mid-dar matrimonjali taghhom, hija dahlet mill-bieb tal-komun ghax dan ma kienx mibdul u meta giet ghall-bieb tal-*penthouse* din ma setghetx tifthu u ghalhekk marret fil-*fire escape*, qacctet il-lokk u giet fuq il-bejt fejn hemm tarag biex tinzel fit-terazzin. Hija tghid illi l-bieb tat-terazzin kien miftuh u dahlet u bdiet iddoqq l-*alarm*. Hija ppruvat titfilha ghax kienet taf

il-*code* izda ma bediex jintefa' u ghalhekk indunat li dan ukoll kien bidlu u ghalhekk qacctet il-*wires*. Hija tghid illi hadet biss l-affarijiet li kienu bzonnjuzi ghaliha.

Ikkunsidrat:

Illi ma kienx hemm kontestazzjoni illi l-*penthouse* sitwata fi Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Bahar hija propjeta' tal-imputata u l-parte civile f'sehem indaqs. Illi m'hemmx dubju wkoll illi ghalkemm l-imputata kellha tallontana ruhha mid-dar matrimonjali, hija kien ghad kellha l-pussess ta' dan l-appartament.

Illi din il-Qorti temmen il-verzjoni tal-imputata fejn tghid illi hi kellha tmur iggib xi affarijiet tat-tfal u dan ghaliex kien inbidel l-istagun u ghalhekk riedet aktar hwejjeg ghalihom ghaliex fid-dar ta' ommha fejn kienet tghix ma kienx hemm post fejn taghmilhom. Illi gara illi l-imputata indunat illi l-lokk tad-dar kien inbidel (anke fuq ammissjoni tal-parte civile) u anke l-*code* tal-alarm kien inbidel minghajr ma' l-parte civile ma kien qalilha.

Illi l-ewwel akkuza li biha hi akkuzata Dorianne Sammut hija ta' hsara volontarja taht l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li dan l-Artikolu jghid is-segwenti:

> *"(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -*
>
> *(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin;*
>
> *(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;*
>
> *(ċ) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur;*
>
> *(d) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29),*

*il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet:"*

Illi l-Artikolu 325 huwa car illi r-reat ta' hsara volontarja ghandha tkun fuq oggetti ta' haddiehor izda stante li mill-atti rrizulta li l-affarijiet li saru hsara fuqhom huma propjeta' ukoll tal-imputata mela din l-offiza qatt ma tista tigi ppruvata. Semmaj din tikkostitwixxi dejn civili izda mhux offiza kriminali. Illi anke kif giet redatta l-ewwel akkuza din issemmi hsara a dannu ta' Carmelo Sammut meta mill-provi hareg illi l-*penthouse* hija anke propjeta' tal-imputata u t-tambogg hija propjeta' indiviza tal-inkwilini u cioe' anke tal-imputata.

A rigward it-tieni akkuza u cioe' ghall-approprjazzjoni mhijiex cara taht liema provvediment tal-ligi din l-akkuza hija bbazata imma jinghad illi hareg car ukoll mill-provi li fid-data tal-allegat reat il-konjugi Sammut kienu ghadhom fi stadju ta' separazzjoni personali fejn ma kinitx ghadha giet likwidata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Illi di piu' l-parte civile ma tax prova li l-oggetti allegatament mehuda mill-imputata kienu dawk parafernali. Illi din il-Qorti thoss illi din l-akkuza kellha tkun wahda ta' *ragion fattasi*

taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali aktar milli dik kontemplata fit-tieni (2) akkuza u ghalhekk l-anqas din l-akkuza ma gietx ippruvata.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata Dorianne Sammut hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**